MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1052/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Henry Cohen abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Henry Cohen**

**vs**

**Reuben Montebello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sitt liri Maltin u erba' centezmi (Lm506.04), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Henry Cohen, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza tat-tip**

**comprehensive, salv l-excess ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) kif ukoll erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm34.50) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Henry Cohen, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tat-3.15a.m. gewwa Triq il-Hidma, Paola, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Henry Cohen, bin-numru ta' registrazzjoni QAJ-500 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LAU-595, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Jannar, 2002, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma l-avviz lis-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera AXA Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-7 ta' Mejju, 2002, fejn intqal illi l-konvenut ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura QAJ-500 u dan minhabba negligenza da parti biss ta' dan is-sewwieq ta' QAJ-500;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Reuben Montebello, Andrew Cohen, Melchior Diacono, Dione Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-13 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tat-3.15a.m. gewwa Triq il-Hidma, Paola, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni QAJ-500 misjuqa minn Henry Cohen, u**

**l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAU-595 misjuqa mill-konvenut.**

**2. L-attur kien gej mid-direzzjoni tal-Marsa sejjer lejn Rahal Gdid miexi fit-tieni karreggjata, filwaqt li l-konvenut kien miexi fil-karreggjata ta' gewwa fuq ix-xellug ta' l-attur.**

**3. Skond il-konvenut, l-attur kiser ghall fuqu. Skond l-attur il-habta grat kif ezattament ser jaqbad idawwar.**

**4. Jekk wiehed jara d-danni li garrbu l-vetturi, jirrizulta li l-konvenut kellu hsara fuq il-bieba ta' wara tal-lemin, filwaqt li l-attur kellu hsara minn quddiem sa wara fuq il-genb tax-xellug.**

**5. Fil-fehma tat-Tribunal, tenut kont ta' fejn kienu d-danni u ta' dak li ntqal, jirrizulta li dan l-incident gara minhabba li l-konvenut ttanta sorpass minn gewwa, proprju f'post fejn messu uza l-massima diligenza fis-sewqan, u meta kien fl-obbligu li jzomm "a proper look out" ghat-traffiku li kien hemm quddiemu, haga li definittivament m'ghamilx. Kienet din il-manuvra azzardata tal-konvenut li jipprova jissorpassa lill-attur minn gewwa flimkien ma nuqqas ta' attenzjoni, li kkawzat il-kollizzjoni. Ghalhekk ghall dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut.**

**6. Id-danni kienu jammontaw ghall hames mija u sitt liri Maltin u erba' centezmi (Lm506.04), in kwantu ghall-tlett liri (Lm3.00) road accident report, mija u tmienja u sebghin lira Maltija u ebrgha u hamsin centezmu (Lm178.54) parts, mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270.00) panel beating u spray painting, erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm34.50) ghall-kiri ta' vettura, u ghoxrin lira (Lm20.00) ghas-survey, u dana kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti. Minn dawn l-attur hallas il-kiri tal-vettura u kellu mitejn lira excess.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm271.54) u lill-attur Henry Cohen is-somma ta' mitejn u erbgha u**

**tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm234.50), bl-imghax legali mid-29 t'April, 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Jannar, 2002, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma l-avviz lis-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera AXA Insurance plc, ghandhom jigu sopportati ntermanet mill-konvenut.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**